MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 792/2012

**Darmanin John**
**(ID517340-M)**

**vs**

**Vella Adrian**
**(ID305276-M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab lit-Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallsu l-ammont ta' tmien mija u sitta u ghoxrin Euro u sbatax-il centezmu (€826.17c) ghal xogholijiet ta' moghdija ta' elettriku u ilma u servizzi ancillari li l-esponenti ghamel fuq struzzjonijiet u fl-interess tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluz ta' l-ittra legali u l-ittra ufficjali tat-18 ta' Settembru, 2012 (Dok.'A') kontra l-konvenut li hu ngunt in Subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi (i) l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-artikolu 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) illi bla pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-artikolu 2149 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) Bla pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Semgha x-xhieda tal-partijiet u tax-xhieda mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-Trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi din is-Sentenza tittratta unikament dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Illi in forza ta' din l-azzjoni l-attur qed jitlob hlas minghand il-konvenut tal-prezz ta' xoghol li l-attur wettaq fuq inkarigu tal-konvenut f' appartament proprjeta' tal-istess konvenut gewwa l-Qawra. Illi l-attur jikkontendi illi waqt illi kien ghaddej b'dawn ix-xogholijiet, il-konvenut waqqfu milli jikkompletahom, u meta l-attur talab il-hlas minghand il-konvenut ghax-xoghol li kien gie mwettaq mill-istess attur, il-konvenut irrifjuta li jhallsu. Illi l-attur jikkontendi illi dawn ix-xogholijiet gew imwettqa fil-bidu tas-sajf 2011. Illi meta l-konvenut baqa' ma hallasx ghal dawn ix-xogholijiet, hu bghat ittra interpellatorja, datata 28 ta' Frar, 2012 (a fol.37 tal-atti) kif ukoll ittra ufficjali, datata 18 ta' Settembru, 2012 (a fol.2 tal-atti). Illi l-attur iddikjara li l-materjal li ntuza fil-fond proprjeta' tal-konvenut, dan ikun inxtara b'lots ghal diversi klijenti, u ghalhekk ma kellux ricevuti specifici ghall-materjal li ntuza fl-appartament tal-konvenut.

Illi l-attur iddikjara li anke mar ibnu jghinu bix-xogholijiet li gew imwettqa fil-proprjeta' tal-konvenut, u l-istess Lawrence Darmanin ukoll iddikjara illi x-xogholijiet in kwistjoni gew imwettqa fis-sajf tas-sena 2011. Illi l-istess xhud iddikjara wkoll illi hu kien jaghmel dan it-tip ta' xoghol, u cioe' ta' dawl u ilma, anke fl-2010.

Illi l-konvenut iddikjara illi hu inkariga lill-attur sabiex jghamillu xogholijiet f'appartament proprjeta' tieghu, liema appartament jinsab gewwa l-Qawra. Illi tali xogholijiet kienu jikkonsistu f'moghdija ta' pipes tal-ilma u iehor tal-gass, kif ukoll xogholijiet fis-sistema tad-dawl, in kwantu l-attur gie mitlub sabiex icaqlaq xi plakek. Illi l-konvenut jikkontendi illi hu ffirma l-konvenju ghall-akkwist ta' din il-proprjeta' f'Mejju, 2010, u li nghata kopja tac-cavetta ta' dan l-appartament minghand il-vendituri fl-istess zmien. Illi l-konvenut isostni illi hu talab li jinghata c-cavetta ta' dan l-appartament precizament sabiex ikun jista' jwettaq xi xogholijiet fl-appartament u dan qabel ma jigi ppubblikat il-kuntratt tal-akkwist, liema kuntratt gie ppubblikat fis-7 ta' Settembru, 2010. Illi l-konvenut iddikjara illi hekk kif inghata c-cavetta hu avvicina lill-attur u talbu sabiex jaghmel ix-xogholijiet imsemmija; illi l-attur informah li kien hemm tliet (3) ijiem xoghol, u l-konvenut ghamillu enfasi illi xtaq illi x-xogholijiet jigu kompletati sa qabel nofs Awissu. Illi l-attur mar fl-appartament tal-konvenut, sabiex jara x-xogholijiet kienu mehtiega li jsiru, fil-bidu ta' Gunju, 2010, u ftit tal-jiem wara l-attur beda x-xogholijiet. Illi l-konvenut jikkontendi illi eventwalment l-attur waqaf mix-xogholijiet, u aktar precizament abbanduna x-xogholijiet, u li ghalhekk il-konvenut gie kostrett li jkompli dawn ix-xogholijiet hu. Illi f'dan ir-rigward l-konvenut isostni illi anke xtara l-materjal hu sabiex ikun jista' jikkompleta x-xogholijiet, u pprezenta r-ricevuti relattivi (a fol.37 sa 40 tal-atti). Illi meta l-attur talab il-hlas minghand il-konvenut, dan tal-ahhar talbu rendikont ta' f'hiex kien jikkonsisti l-ammont, u l-konvenut iddikjara li dan ir-rendikont tahulu hafna zmien wara li l-attur acceda fil-proprjeta' tal-konvenut sabiex jaghmel ix-xoghol.

Illi l-konvenut iddikjara wkoll li hu avvicina habib tieghu sabiex jghinu jispicca x-xogholijiet, u dan tal-ahhar, Raymond Mifsud, iddikjara li hu mar fl-appartament tal-konvenut wara li l-attur kien ghamel xi xogholijiet; dan ix-xhud iddikjara li mar ghand il-konvenut f' Lulju, izda ma ddikjarax ta' liema sena.

Ikkunsidra,

Illi in rigward l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut dwar il-preskrizzjoni, u dan in bazi tal-Artikoli 2148 (a) u 2149 (a) tal-Kodici Civili, dawn jipprovdu terminu preskrittiv ta' tmintax (18)-il xahar u sentejn rispettivament, u jipprovdu kif gej: "*L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax il-xahar: (a) l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapan,*

*mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz tal-opri jew tax-xogholijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu: ... "* u *"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn: (a) l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-kuntratturi ta' bini iehor jew ta' xogholijiet ohra ta' injam, gebel, jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjali li jfornu; ... "*

Illi dwar l-applikabilita' ta' dawn il-provvedimenti tal-ligi ghall-kaz in ezami, u tenut kont illi x-xoghol li ghamel l-attur fuq inkarigu tal-konvenut kien jikkonsisti fil-moghdija ta' pipes u xogholijiet ohra ta' dawl u ilma, tali xogholijiet jinkwadraw ruhhom aktar fil-parametri tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu dan il-provvediment tal-ligi jaghmel referenza specifika ghal "*persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika*", filwaqt illi l-Artikolu 2149 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmel referenza ghall-kuntratturi ta' bini u persuni ohra li jimmanifatturaw opri u oggetti, liema cirkostanzi ma jidhirx illi huma applikabbli ghall-kaz in ezami. Illi ghalhekk, fil-fehma ta' dan it-Tribunal, it-terminu preskrittiv applikabbli ghall-kaz in ezami huwa dak ta' tmintax (18)-il xahar minn meta gie mwettaq ix-xoghol mill-attur.

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet jirrizulta illi l-attur wettaq xi xogholijiet fl-appartament tal-konvenut, liema stat ta' fatt mhux ikkontestat mill-konvenut; madanakollu, il-konvenut jikkontendi illi dawn ix-xogholijiet ma gewx kompletati, tant illi kien kostrett li jikkompletahom hu.

Illi l-partijiet mhux qed jaqblu bejniethom dwar meta gew imwettqa dawn ix-xogholijiet, in kwantu l-attur isostni illi dawn saru fis-sajf tal-2011 – u dan gie kkonfermat min ibnu, Lawrence Darmanin, li kien imur jghinu – filwaqt illi l-konvenut isostni illi dawn ix-xogholijiet gew imwettqa fis-sajf tal-2010. Illi in sostenn ta' dan, il-konvenutipprezenta ittra, ossia dikjarazzjoni ta' George Micallef, datata 14 ta' Jannar, 2013 - li madanakollu m'hix ikkonfermata bil-gurament - li in forza taghha gie dikjarat illi l-konvenut inghata c-cavetta tal-appartament in kwistjoni fil-25 ta' Mejju, 2010. Illi l-konvenut ipprezenta wkoll varji dokumenti, ossia ricevuti, ta' materjal li allegatament intuza fl-appartament mill-istess konvenut sabiex ikkompleta x-xoghol, liema ricevuti huma datati Settembru u Ottubru, 2010. Illi oltre dan, gie pprezentat ukoll affidavit ta' habib tal-konvenut li ddikjara illi mar jara x-

xogholijiet kienu gew imwettqa mill-attur, u dan kien f'Lulju; madanakollu, ma ndikax ta' liema sena.

Illi t-Tribunal jinnota illi ghalkemm il-konvenut iddikjara illi l-att tal-konvenju sar f'Mejju, 2010, u l-kuntratt finali tal-akkwist sar fis-7 ta' Settembru, 2010, ma pprezenta ebda wiehed minn dawn id-dokumenti.

Illi in rigward ittri interpellatorji u gudizzjarji li gew ipprezentati mill-attur, dawn huma datati 28 ta' Frar, 2012 u 18 ta' Settembru, 2012 rispettivament. Illi fl-ittra ufficjali m'hemm ebda referenza ghal meta setghu gew imwettqa x-xogholijiet, filwaqt illi fl-ittra interpellatorja hemm referenza ghall-fatt illi " *... ghaddew aktar minn tmin xhur ...*" minghajr ma hemm ebda indikazzjoni, madanakollu, ghal x'qed isir referenza, u cioe' jekk hux minn meta gew kompletati x-xogholijiet jew kienx hemm xi 'nterpellazzjoni ohra precedenti.

Illi ghalhekk mill-provi mressqa mill-partijiet ma jirrizultax b'mod inekwivoku meta saru tali xogholijiet, u cioe' jekk dawn sarux fil-bidu tas-sajf tal-2010 jew tal-2011; illi in rigward ix-xahar meta setghu saru x-xogholijiet, il-partijiet jghamlu referenza ghax-xhur ta' Gunju u Lulju. Illi in rigward l-interruzzjoni ta' preskrizzjoni, l-ewwel att gudizzjarju li gie pprezentat mill-attur, li huwa datat 18 ta' Settembru, 2012, gie notifikat lill-konvenut fil-25 ta' Settembru, 2012, filwaqt illi l-azzjoni giet proposta fis-27 ta' Novembru, 2012. Illi ghalhekk huwa ferm determinanti jekk ix-xogholijiet gewx imwettqa fl-2010 jew fl-2011, ghaliex kemm-il darba saru fl-2010, allura l-ewwel att gudizzjarju li gie pprezentat mill-attur kien oltre it-terminu preskrittiv ta' tmintax (18)-il xahar kontemplati fil-ligi.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi d-deposizzjoni tal-partijiet m'hix konklussiva in rigward f'liema sena gew imwettqa x-xogholijiet mill-attur, u l-unici dokumenti li possibilment jistghu jitfghu ftit dawl fuq f'liema sena effettivament saru x-xogholijiet, huma r-ricevuti li gew ipprezentati mill-konvenut (a fol.37 *et seq.* tal-atti), li jidhru li huma relattivi ghax-xiri ta' materjal sabiex l-istess konvenut seta' jlesti x-xoghol li kien inbeda mill-attur. Illi tali dokumenti huma lkoll datati f'Settembru u Ottubru, 2010, u jikkoroboraw il-verzjoni tal-fatti mghotija mill-istess konvenut, u cioe' illi gie kostrett illi jkompli hu x-xogholijiet illi kien inkariga lill-attur sabiex jaghmel. Illi dawn id-dokumenti, flimkien mad-dikjarazzjoni li giet ipprezentata mill-konvenut (a fol.19 tal-atti), fejn il-venditur tal-appartament iddikjara illi hu kkonsenja c-cwievet lill-konvenut f'Mejju, 2010, jissostanzjaw il-verzjoni tal-fatti mghotija

mill-konvenut, u cioe' illi hu ried li x-xogholijiet jitwettqu kemm jista' jkun malajr, u qabel ma jigi ppubblikat il-kuntratt finali tal-akkwist. Illi ghalhekk jidher illi huwa aktar probabbli illi x-xogholijiet li gew imwettqa mill-attur saru fis-sena 2010, u li kien biss fis-sena 2012 illi l-istess attur ha l-inizzjattiva sabiex jottjeni l-hlas minghand il-konvenut ta' dak dovut lilu. Illi ghalhekk l-azzjoni proposta mill-attur hija preskritta bit-terminu preskrittiv ta' tmintax (18)-il xahar.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, u dan in bazi tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jichad it-talba tal-attur.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------